MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (SEDE CIVILI) MALTA

**MAGISTRAT DR.
MELI SILVIO LL.D., DIP. STUD. REL., DIP. CAN. MATR. JUR. & PROC., CERT. JUR. & H.R. (STRASBOURG), P.G. DIP. EUROPEAN COMPETITION LAW (KING'S COLLEGE, LONDON), P.G. DIP. EUROPEAN LAW (KING'S COLLEGE, LONDON)**

Seduta ta' 03 ta' Ottubru, 2002

Avviz Numru. 129/2001/1

**Atlas Insurance Agency Limited in rappresentanza tas-socjeta' estera AXA Insurance plc kif surrogata fid-drittijiet tal-assigurat taghha M Demajo Timbers Ltd abbazi tal-polza ta' assigurazzjoni u tal-ligi.**

**vs**

**The Cargo Handling Company Limited ta' Pinto Annex, Pinto Wharf, Valletta u Gollcher Company Limited bhala agenti ta' Grandi Traghetti spa di Navigazione.**

**Il-Qorti,**

**Rat l-avviz fuq indikat datat l-20 ta' Frar tas-sena 2001 li permezz tieghu s-socjeta' attrici sejhet lis-socjetajiet konvenuti sabiex jghidu ghaliex**

**m'ghandhomx ikunu , jew min minnhom, ikkundannati:**

**1. Ihallsu s-somma komplessiva ta' Lm911.95,0 (disa' mija u hdax-il lira u hamsa u disghin centezmu) jew somma ohra verjuri li diga likwidata minn dina l-Qorti, jekk hemm bzonn bl-opera ta' periti nominandi, rappresentanti nuqqasijiet fil-merkanzija appartenenti lill-assigurata taghhom u spejjez tas-survey relattiv, waqt illi dawn kienu fil-kura jew il-kustodja tal-konvenuti, jew min minnhom, liema konsenja waslet Malta fuq il-bastiment MV Lince fis-16 t'Ottubru, 2000, liema danni diga thallsu mis-socjeta' attrici;**

**2. Bl-imghax legali mid-data tal-effettiv pagament u bl-ispejjez kontra l-konvenuti, li minn issa jibqghu ngunti ghas-subizzjoni taghhom;**

**Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta Gollcher Company Limited nomine datata t-8 ta' Marzu tas-sena 2001 li permezz taghha s-socjeta' konvenuta eccepiet is-segwenti:**

**1. Illi t-talbiet attrici fil-konfront taghhom huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjes stante illi l-merkanzija in kwistjoni giet konsenjata lir-ricevitur tal-merkanzija fl-istess stat li giet konsenjata lilha;**

**2. F'kull kaz id-danni pretisi ghandhom jigu limitati ai termini tal-klawsoli inkorporati fil-kondizzjonijiet tal-garr;**

**Rat ukoll in-nota ta' l-eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta l-ohra The Cargo Handling Company Limited datata l-15 ta' Marzu tas-sena 2001 li permezz taghha eccepiet is-segwenti:**

**1. Illi jinkombi fuq is-socjeta' attrici li tipprova illi l-allegati nuqqasijiet sehhew waqt li l-**

**merkanzija de quo kienet taht il-kontroll effettiv u supervizjoni assoluta tas-socjeta' eccipjenti;**

**2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante illi s-socjeta' eccipjenti mhix responsabbli ghall-allegati nuqqasijiet lamentati izda dejjem qdiet l-obbligi taghha skond il-ligi;**

**3. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-ammont pretiz huwa eccessiv u ghalhekk huwa kontestat;**

**4. Salv eccezzjonijiet ohra;**

**Rat ukoll il-verbal datat it-22 ta' Jannar tas-sena 2002 li permezz tieghu z-zewg socjetajiet konvenuti eccepew ulterjorment is-segewnti:**

**1. Illi s-socjeta' attrici nomine m'ghandiex interess guridiku biex tippersegwixxi bil-kawza odjerna;**

**2. Illi l-proceduri odjerni huma ghalhekk irritwali;**

**Rat inoltre ta' l-eccezzjonijiet ulterjuri tas-socjeta' The Cargo Handling Company Limtied datata l-24 ta' Gunju tas-sena 2002 li permezz taghha s-socjeta' konvenuta eccepiet is-segwenti:**

**1. Illi l-azzjoni tas-socjeta' attrici tippeka in kwantu l-istess socjeta' attrici ma ghandhiex surroga valida skond il-ligi minghand M. Demajo Timbers Limited;**

**2. Salv eccezzjonijiet ohra;**

**Semghet ix-xhieda prodotta;**

**Rat id-dokumenti esebiti;**

**Semghet lir-rapprezentanti legali tal-partijiet jittrattaw il-kaz oralment;**

**Ikkonsidrat:**

**Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna jistghu jigu sintetikament kompilati bil-mod segwenti:**

**1. Illi s-socjeta’ M. Demajo Timbers Limited kienet, fil-perjodu operattiv, assigurata mas-socjeta’ attrici;**

**2. Illi din l-istess socjeta’ assigurata kienet importat tnax-il ‘bundle’ ta’ injam li wasslu Malta fis-16 t’Ottubru tas-sena 2000 fuq il-vapur MV Lince;**

**3. Illi l-agenti tal-imsemmi vapur hija s-socjeta’ konvenuta Gollcher Company Limited;**

**4. Illi jirrizulta li tnejn mit-tnax-il ‘bundle’ kienu neqsin u ghalhekk gew rikjamati d-danni subiti mill-istess socjeta’ assigurata kif ser jinghad:**

**a. Tmin mija u wiehed u sittin Lira Maltin u hamsa u disghin centezmu, (Lm861.95,0), ammontat dovut ghall-injam misjub nieqes, (ara fol 24);**

**b. Hamsin Lira Maltin, (Lm50.00,0), ghas-‘survey’ li kellu jsir;**

**Ikkonsidrat:**

**Illi pero’ s-semplicita’ tal-vertenza in dizamina giet kontaminata bis-segwenti:**

**1. illi huwa minnu li s-socjeta’ assikurattrici ghamlet tajjeb ghad-danni sofferti in konnessjoni mas-sejba ta’ injam nieqes meritu ta’ din il-procedura;**

**2. Illi pero' dak li hu inkwjetanti huwa dak li jirrizulta mid-dokumentazzjoni pprezentata cioe' li s-surroga in dizamina ma hargitx f'isem is-socjeta' prorpja li importat l-injam de quo u li ghalhekk issubiet id-danni izda assocjazzjoni differenti li presumibbilment minhabba l-kunjom formanti parti mis-socjeta' u mill-assocjazzjoni msemmija, jimmilitaw favur l-integrita' tal-procedura;**

**Ikkunsidrat:**

**Illi in oltre jirrizulta fil-meritu li l-injam de quo kien gie importat fuq hekk imsejjah "flat container" liema "container" ikun wiehed miftuh;**

**Illi pero' skond il-"bill of lading" de quo (ara fol 30), jirrizulta li fuq il-vapur MV Lince effettivament itaghbbew tnax-il bundle (12) injam;**

**Illi pero' meta fis-27 ta' Ottubru tas-sena 2000 sar ir-rilaxx taghhom mid-Dwana kien hemm biss ghaxar (10) "bundles";**

**Ikkonsidrat:**

**Illi rigward l-eccezzjoni preliminari rigwardanti s-surroga u l-problematika rigwardanti l-interess guridiku jew nuqqas tieghu ghandu jinghad sintetikament is-segwenti:**

**1. Illi s-socjeta' assigurata u importatrici, senjatament M. Demajo (Timbers) Limited, effettivament tinforma parti mill-Grupp "M. Demajo Group of Companies", (ara fol 52);**

**2. Illi l-pagament assigurattiv sar skond il-ligi u ma jirrizulta xejn repprodevoli fih;**

**3. Illi s-surroga dovuta skond il-ligi giet tassew rilaxxta favur l-imsemmi grupp;**

**4. Illi skond l-ittra datata t-12 ta' Marzu tas-sena 2002 is-socjeta' importatrici informat lis-socjeta' assigurattrici attrici li rceviet il-pagamenti dovuti;**

**Ikkonsidrat:**

**Illi in vista tal-premess, din il-qorti hi sodisfatta li l-interess guridiku rikjest mill-ligi hu assodat stante li l-pagament effettiv tad-danni subiti gew regolarment risarciti lis-socjeta' danneggjata;**

**Illi s-socjeta' danneggjata tifforma parti minn grupp u s-surroga li nghata dan il-Grupp jikkomprendi wkoll id-drittijiet ta' l-istess socjeta' danneggjata;**

**Ghaldaqstant din il-qorti filwaqt li tirrespingi l-eccezzjonijiet kollha tas-socjetajiet konvenuti, inkluzi dawk ta' natura procedurali, tilqa' t-talbiet attrici u konsegwentement tiddeciedi fuq il-mertu li:**

**1. Tiddikjara lis-socjeta' konvenuta The Cargo Handling Company Limited bhala s-socjeta' unikament responsabbli ghall-hsarat meritu ta' din il-kawza;**

**2. Tillikwida d-danni subiti mis-socjeta' attrici fl-ammont ta' disa' mija u hdax-il Lira Maltin u hamsa u disghin centezmu, (Lm911.95,0);**

**3. Filwaqt li tillibera lis-socjeta' konvenuta Gollcher Company Limited, tiddikjara lis-socjeta' konvenuta The Cargo Handling Company Limited unikament responsabbli ghad-danni hekk likwidati nkluzi l-ispejjez.**

Kopja Informali ta' Sentenza

**John Farrugia**
**Deputat Registratur**